V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9764 — Red Rock Power/Capman Infra Lux Management/NH-Amundi Asset Management/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 73/05)

1. Fis-26 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Red Rock Power Limited ("Red Rock Power"), sussidjarja indiretta ta' SDIC Power Holdings Co. Ltd ("SDIC Power", iċ-Ċina),

— Capman plc ("Capman", il-Finlandja),

— NH-Amundi Asset Management Co. Ltd ("NH-Amundi", il-Korea), ikkontrollata bi sħab minn NongHyup Financial Group (li finalment hija proprjetà tal-Federazzjoni Nazzjonali Koreana tal-Kooperattivi tal-Bdiewa u Amundi Asset Management (li finalment hija proprjetà ta' Crédit Agricole Group),

— Cloud Snurran AB ("Cloud Snurran", l-Isvezja).

Re Rock Power, CapMan, NH-Amundi jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Cloud Snurran. Cloud Snurran bħalissa hija kkontrollata bi sħab minn CapMan, NH-Amundi and Macquarie.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Red Rock Power hija l-kumpanija azzjonarja għal investimenti Ewropej fis-settur tar-riħ ta' SDIC Power; SDIC Power hija kumpanija bbażata fiċ-Ċina prinċipalment involuta fl-investiment, il-kostruzzjoni, it-tħaddim u l-ġestjoni tal-impjanti tal-elettriku prinċipalment fiċ-Ċina,

— CapMan hija investiment Nordiku u impriza speċjalizzata fil-ġestjoni tal-assi,

— NH-Amundi hija kumpanija tal-ġestjoni tal-assi, li tipprovdi fiduċjarja ta' investiment u ġestjoni ta' fond reċiproku għat-tipi kollha ta' investimenti,

— Cloud Snurran hija l-joint venture (JV) li tiżviluppa, tibni u tħaddem park eoliku fuq l-art fl-Isvezja.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9764 — Red Rock Power/Capman Infra Lux Management/NH-Amundi Asset Management/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.